**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 21/2023/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Joseph Degiorgio**

**Paul Jason Degiorgio personalment u fil-kapaċita' tiegħu ta' rappreżentant legali tal-kumpanniji The Maltese Falcon Recruitment Services Limited (C11542), M.C.C.S. Company Limited (C16749)**

**Christopher Degiorgio personalment u fil-kapaċita' tiegħu ta' rappreżentant legali tal-kumpanniji The Maltese Falcon Recruitment Services Limited (C11542), M.C.C.S. Company Limited (C16749)**

**Josianne Bugeja Degiorgio personalment u bħala rappreżentanti legali tal-kumpannija Melita Health Services Limited (C69568)**

Illum 29 ta' April 2025

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużati:

**Joseph Degiorgio**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 1077544(M),

**Paul Jason Degiorgio**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 143200(L) personalment u fil-kapaċita' tiegħu ta' rappreżentant legali tal-kumpanniji The Maltese Falcon Recruitment Services Limited (C11542) u M.C.C.S. Company Limited (C16749),

**Christopher Degiorgio**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 387673(M) personalment u fil-kapaċita' tiegħu ta' rappreżentant legali tal-kumpanniji The Maltese Falcon Recruitment Services Limited (C11542) u M.C.C.S. Company Limited (C16749), u

**Josianne Bugeja Degiorgio**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 591681(M) personalment u bħala rappreżentanta legali tal-kumpannija Melita Health Services Limited (C69568)

li bih huma ġew akkużati mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

<u>KAP UNIKU</u>

**Talli personalment u fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi, rappreżentanti legali, uffiċjali u/jew konsulenti tal-kumpanniji MCCS Co Ltd (C16749), The Maltese Falcon Recruitment Services Ltd (C11542) u Melita Health Services Ltd (C69568), bħala korp magħqud tal-imsemmija kumpanniji u fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 121D, nhar it-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), u fil-ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenza jew theddid inkluż serq tal-persuna, qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influwenza jew pressjoni, billi taw jew irċevew ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuni li kellhom l-**

**kontroll fuq persuna oħra, u/jew b'abbuż ta' poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabilta', ittraffikaw persuni tal-eta' bil-għan li dawk il-persuni jiġu sfruttati, u/jew saret kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 208AC(2), liema delitt iġġenerat rikavat ta' aktar minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Paul Jason Degiorgio, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fil-21 ta' Lulju 2023.[1]

3. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Christopher Degiorgio, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fil-21 ta' Lulju 2023.[2]

4. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużata Josianne Bugeja, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fil-21 ta' Lulju 2023.[3]

5. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Joseph Degiorgio, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fil-21 ta' Lulju 2023.[4]

6. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-6 ta' Diċembru 2023[5] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Joseph Degiorgio.

7. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-6 ta' Diċembru 2023[6] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Paul Jason Degiorgio.

---

[1] *A fol.* 15 *et seq.*
[2] *A fol.* 30 *et seq.*
[3] *A fol.* 45 *et seq.*
[4] *A fol.* 89 *et seq.*
[5] *A fol.* 143 *et seq.*
[6] *A fol.* 146 *et seq.*

8. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-6 ta' Diċembru 2023[7] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Christopher Degiorgio.

9. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-6 ta' Diċembru 2023[8] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużata Josianne Bugeja.

10. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

11. Rat illi dan l-Att ta' Akkuża ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Frar 2024.[9]

12. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

13. Illi din hija sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li l-akkużati f'dan il-każ ressqu fin-Noti rispettivi tagħhom hawn fuq imsemmija. Għal kull buon fini, din il-Qorti tinnota li numru ta' eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużati huma simili jew saħasansitra identiċi għal xulxin b'dan illi ser tagħmel il-konsiderazzjoniiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet li huma identiċi jew simili flimkien u mbagħad tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-bqija tal-eċċezzjonijiet li jkun fadal.

**Ikkunsidrat**

[7] *A fol.* 156 *et seq.*
[8] *A fol.* 166 *et seq.*
[9] *A fol.* 193.

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**
**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio</u>**
**<u>It-Tieni Eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja</u>**

14. Illi fl-eċċezzjonijiet hawn fuq imsemmija l-akkużati kollha jeċċepixxu n-nullita' tal-Att tal-Akkuża minħabba li jargumentaw li *ai termini* ta' Artikolu 432(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali kien talab estensjoni ta' żmien sabiex jippreżenta l-Att tal-Akkuża permezz ta' Rikors intavolat quddiem il-Qorti Kriminali fl-1 ta' Marzu 2023 (Vol. IX: *a fol.* 2681*)* u jsostnu li dan ir-Rikors baqa' qatt ma ġie akkordat.

15. Illi wara li din il-Qorti rat ir-Rikors ippreżentat mill-Avukat Ġenerali fl-1 ta' Marzu 2023 (Vol. IX: *a fol.* 2681) u li jsir riferenza għalih fl-eċċezzjonijiet hawn fuq imsemmija jirriżultalha li mill-atti proċesswali ma jirriżultax jekk effettivament ġiex milqugħ jew le.

16. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tal-qari tal-akkużi jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova."

17. Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak et** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Issir riferenza għalhekk mill-ewwel lis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ġunju, 1996 in re **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Carmelo Muscat** (Att ta' Akkuża 3/95) fejn il-Qorti daħlet funditus fuq il-konsegwenzi legali li jista' jkun hemm dwar il-validita' o meno ta' l-att ta' l-akkuża meta dan jiġi ppreżentat oltre l-perjodu ta' xahar previst mil-liġi fl-artikolu 432(1) tal-Kodiċi Kriminali. F'dik l-istess sentenza li għaliha qed issir riferenza din il-Qorti kienet ukoll irriferiet għall-ġurisprudenza preċedenti, kollha indikattiva biex tikkonferma jew biex tirribadixxi l-prinċipju illi l-fatt illi l-Avukat Ġenerali ma jkunx ippreżenta l-att tal-akkuża fiż-żmien ix-xahar stipulat mil-liġi, u fl-assenza ta' proroga biex jippreżentah ulterjorment, ma jġibx bħala konsegwenza illi jekk dak l-istess att ta' akkuża jiġi ppreżentat sussegwentement u għalhekk oltre l-perijodu ta' xahar imsemmi, dak l-istess att ikun null fit-termini tal-liġi. Fil-ġurisprudenza ċitata ġie spjegat, u din il-Qorti issa qed tirribadixxi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' l-Avukat Ġenerali illi jippreżenta l-att ta' l-akkuża fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew permess lilu mill-Qorti permezz ta' proroga jistgħu jkunu diversi fosthom jistgħu anke jwasslu għal-liberazzjoni mill-arrest ta' l-imputat, pero' mhux ikkontemplat mil-liġi bħala waħda mill-konsegwenzi li l-Avukat Ġenerali huwa prekluż milli jippreżenta l-att ta' l-akkuża xorta waħda avolja jkun skadielu t-terminu f'liema każ mhux talli l-liġi ma tikkontemplax in-nullita' ta' dak l-istess att ta' akkuża, anzi fit-termini ta' l-artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali tipprovdi illi dik l-istess preżentata tardiva tista' tinnewtralizza ċerti effetti oħra illi jista' talvolta jkun hemm kieku l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie preżentat. Infatti kif din il-Qorti kellha opportunita' tispjega fis-sentenza msemmija huwa ċar illi dak li riedet tirraġunġi l-liġi jemerġi bl-aktar mod ċar mill-istess artikolu 602 tal-

Kodiċi Kriminali u jipprovdi li jekk l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie ppreżentat fiż-żmien stabbilit, il-possibilita' li l-imputat jiġi liberat ċjoè meħlus mill-arrest, ma tibqax teżisti jekk sadanittant l-att ta' l-akkuża jkun ġie ppreżentat anke jekk tardivament. Fil-fehma tagħha din hija indikazzjoni ċara li l-liġi ma kienet qatt intenzjonata li ttellef id-dritt ta' l-Avukat Ġenerali li jippreżenta l-att ta' l-akkuża allavolja jkun skadielu t-terminu anzi mhux hekk biss, billi ċerti drittijiet tal-akkużat illi jkunu in limbo bħalma huwa dak li jitlob li jiġi lliberat mill-arrest jintilfu appena l-att ta' l-akkuża jiġi ppreżentat sakemm dik it-talba tkun għada ma saritx."

18. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Michele Artale** (Numru 8/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi eċċezzjoni simili ħafna għal dik odjerna tqajjmet fil-proċeduri fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Daniel Muka**,[10] fejn din il-Qorti kif diversament ippreseduta daħlet fid-dettal dwar dan is-suġġett:

*8. During the term mentioned by article 432(1) of the Criminal Code, the Attorney General was however not obliged to immediately file the bill of indictment. The Attorney General could – after receiving the records of the inquiry in terms of Article 401(3) of the Criminal Code – re-hear a witness that had already testified or brought further evidence if he considered it necessary to do so. Article 405 of the Criminal Code allowed the Attorney General to make any such request after that the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry committed the accused for trial on indictment.[11] […]*

---

[10] "Deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-18 t'Ottubru, 2022."
[11] *"before the Criminal Court and before the filing of the bill of indictment by the Attorney General."*

***9. The Attorney General had various legal courses of action open to him once that he received the records of the inquiry from the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry. He could also avail himself of these options even after the expiration of the term of one month: provided however that the Attorney General requested an extension: (a) first to the Criminal Court for an additional fifteen days and then, if need be (b) to the President of Malta for further fifteen days and then for such longer period as may be required.***[12]

***10. To avail himself of the extension of the original time limits, the Attorney General was obliged to lodge the said demand; but once that demand was lodged, then it was bound to be acceded to by operation of Law. The Law granted no discretion to the Criminal Court or to the President of Malta to reject this request. The sine qua non requirement was the timely demand that had to be lodged by the Attorney General for the extension of the time frames imposed by law.***

*11. Once the demand is lodged to the Criminal Court before the lapse of the time frames stipulated by law – and evidence thereof is found in the records of the proceedings – then this Court need dig no further and deeper into the issue as that demand is to be upheld by the Criminal Court. And once the demand was upheld by this Court, the request and the decree upholding the request did not need to be proven as they are deemed to form part of the records of the proceedings. There was no need for the demand to be made accessible to the Court of Magistrates, provided that both demand and*

[12] *"Vide the appeal proceedings:* ***Il-Pulizija vs. Edward Cassar et*** *decided on the 26th. June 1986."*

*corresponding decree acceding to it resulted from the records of the Criminal Court. This was the line of reasoning adopted in the appeal proceedings **Il-Pulizija vs. Victor Magro** decided on the 11th of March 1993 where the Court of Criminal Appeal, presided by Mr. Justice C. A. Agius.'*

*[…]*

*15. But for the sake of completeness, even if one were to concede **gratia argomenti** that the Attorney General had failed to show that the request was made, or was not made on time or that there was no evidence of this request being acceded to, the consequence of any such shortcoming **would still not lead to the nullity of the bill of indictment or the compilation proceedings as Defence contended**.*[13] *Article 597(4) of the Criminal Code states:*

*The indictment cannot be impugned on the ground of any defect in the record of inquiry, nor can the accused demand that, on the ground of any such defect, the trial on the said indictment be not proceeded with, unless such defect consists in the total absence of the charges being read or of the examination of the accused or **of the order committing the accused for trial**, or in the refusal of the court of criminal inquiry, without just cause, to hear the evidence produced by the accused; saving always the right of the accused and the Attorney General to oppose the production, at the trial, of any act tendered in evidence which is not according to law.*

…

[13] "Enfasi ta' din il-Qorti."

*17. The long-standing legal position adopted by the Maltese Courts of Criminal Justice in this regard Article 597(4) of the Criminal Code to be read and construed together with the provisions of Article 432(1) and Article 602 of the Criminal Code. Article 602 reads:*

*Where the indictment is not filed within the prescribed time, the court may, at the request of the accused, and after hearing the Attorney General, order the discharge of the accused, and the provisions of article 434 shall, mutatis mutandis, apply:*

*Provided that this provision shall not apply if at the time the request is made the indictment shall have been filed.*

*18. This meant that the filing of the bill of indictment* ***<u>after</u>*** *the prescribed time of one month (when not extended) in terms of Article 431(1) and 432(1) of the Criminal Code* ***<u>did not bring about the nullity of the records of the inquiry</u>*** *but it gave the accused an opportunity to make a request for discharge (subject to the provisions of Article 434 of the Code). In a ruling given in* ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Muscat</u>*** *on the 7th. June 1996 the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) it was held:*

*L-effetti tan-nuqqas tal-preżentata ta' l-Att ta' l-Akkuża fiż-żmien illi huwa previst u impost mil-liġi, ġġib bħala konsegwenza, mhix li l-Avukat Ġenerali jkun prekluż għal dejjem milli jippreżenta l-Att ta' l-Akkuża, iżda li l-Qorti tista' tordna li l-imputat jiġi lliberat, jiġifieri meħlus mill-istat ta' arrest – fit-test Ingliż "order the discharge of the accused". Jista' jiżdied ukoll illi dak li riedet tirraġġungi l-liġi jemerġi evidenti ukoll mill-proviso ta' l-artikolu 602*

*li jipprovdi li jekk l-Att ta' l-Akkuża ma jkunx ġie ppreżentata fiż-żmien il-possibilita' li l-imputat jiġi lliberat, ċjoè meħlus mill-arrest, ma tibqax teżisti, jekk sadanittant l-Att ta' l-Akkuża jkun ġie ppreżentat. Indikazzjoni ċara tal-liġi li ma kien qatt intenzjonat u previst illi d-dritt ta' l-Avukat Ġenerali li jippreżenta l-Att ta' l-Akkuza jintilef. F'każ li l-Att ta' l-Akkuża ma jiġix ppreżentat fit-terminu, il-Qorti mhux obbligata li tirrilaxxja lill-akkużat mill-arrest, anzi f'ċerti każi ma ħelsitux.*

*19. The same principle was laid out by the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) in the ruling given on the 2nd. March 1998 in the names of **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak u Francis sive Frankie Axiaq** wherein it was held:*

*[…][14]*

*20. In the ruling of the Criminal Court dated 18th. January 2006 in **Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun**, the Court referred to an older ruling in **Il-Maesta' Tiegħu Ir-Re vs. Manwel Bonello** and said the following:*

*Dik l-istess Qorti in segwitu kienet iddeċidiet, fit-13 ta' April 1950 fil-kawża fl-ismijiet Il-Maesta' Tiegħu Ir-Re' v. Manwel Bonello, Kollez. Deċ. XXXIV.iv921, li jekk it-talba għal-liberazzjoni taħt l-Artikolu 602 tkun ġiet miċħuda, **l-att ta' akkuża li jkun ġie sussegwentement preżentata ma jkunx jista' jiġi invalidat minħabba l-istess raġuni, ċioè li ma kienx ippreżentat fit-terminu stabbilt fl-imsemmi Artikolu 602**; u għalhekk wara dik id-deċiżjoni ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tan-nullita' ta' l-att ta' akkuża fuq ir-raġuni taż-*

[14] Din is-sentenza diġa' ġiet ċitata f'paragrafu 17 ta' din is-sentenza.

*żmien. Ara wkoll l-Artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali.*

Illi f'din is-sentenza suċitata din l-eċċezzjoni simili għal dik odjerna ġiet miċħuda u din id-deċiżjoni ġiet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.[15]"

19. Illi fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Mejju 2024 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Aleksander Stojanovic** (Numru 36/2022), il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) saħqet hekk:

"16. It is undisputed that in this case the Attorney General adhered to the time limits imposed at law and requested the Criminal Court for a fifteen-day extension as provided in article 432, however the fact that the Court's decree granting this request is not found in the acts of the inquiry is at the core of appellant's first preliminary plea. Now in this case, contrary to the plea raised in the Muka judgment appellant is raising the nullity of the Bill of Indictment together with the nullity of the acts of the proceedings, the Court presuming that appellant is here referring to the acts of the inquiry. To begin with the Bill of Indictment may be declared null and void only if there is non-adherence to the requisites laid out in article 589 of the Criminal Code.[16] Moreover, the acts of the inquiry may also be found to be defective only for the reasons laid out in article 597(4) of the Criminal Code being **"the total absence of the charges being read or of the examination of the accused or of**

[15] "Deċiża nhar is-26 t'April 2023."

[16] "The indictment shall be made in the name of the Republic of Malta and shall - (a) specify the court before which it is preferred; (b) contain a clear indication of the person accused; (c) state the facts constituting the offence with such particulars as can be given relating to the time and place in which the facts took place and to the person against whom the offence was committed, together with all such circumstances as, according to law and in the opinion of the Attorney General, may increase or diminish the punishment for the offence; and (d) end with a summary in which the accused shall be charged with the offence as specified or described by the law, and with the demand that the accused be proceeded against according to law, and that he be sentenced to the punishment prescribed by law (quoting the article of the law creating the offence) or to any other punishment applicable according to law to the declaration of guilt of the accused."

**the order committing the accused for trial, or in the refusal of the court of criminal inquiry, without just cause, to hear the evidence produced by the accused; saving always the right of the accused and the Attorney General to oppose the production, at the trial, of any act tendered in evidence which is not according to law."**

17. Thus, it is evident that the non-extension by the Criminal Court of the one-month time frame for the filing of the indictment by a further fifteen days, upon a request by the Attorney General to that effect, does not lead to the nullity being alleged. After all, had appellant, then accused, shown any doubt as to whether the extension had been granted, thus leading to the failure by the Attorney General to file the Bill of Indictment within the one-month time frame established by law, he could always have had recourse to the only remedy contemplated by the legislator in article 602 of the Criminal Code[17], requesting his discharge, an action which he has failed to take, with the compilation of evidence proceeding according to law."

20. Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appena ċitata hawn fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ikkonfermat dak li kienet iddeċidiet din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward ta' eċċezzjoni simili għal dik in eżami minn din il-Qorti u b'hekk il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ċaħdet l-aggravju tal-akkużat f'dak il-każ. Din il-Qorti tinnota wkoll li hija taqbel ma' dak ċitat hawn fuq fir-rigward tal-eċċezzjonijiet in eżami bil-konsegwenza li tagħmlu tagħha. Isegwi għalhekk li l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio, Christopher Degiorgio u Joseph Degiorgio u t-tieni eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja qed ikunu miċħuda.

[17] "Where the indictment is not filed within the prescribed time, the court may, at the request of the accused, and after hearing the Attorney General, order the discharge of the accused, and the provisions of article 434 shall, *mutatis mutandis*, apply: Provided that this provision shall not apply if at the time the request is made the indictment shall have been filed."

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>It-Tieni Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**

21. Illi fit-tieni eċċezzjoni tagħhom l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jisħqu li l-proċedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla u dana peress li mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-8 ta' Ġunju 2021 (Vol. IX: *a fol.* 2364), wara li nħarġu akkużi ġodda, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma ġietx eżentata milli terġa' tisma mill-ġdid il-provi mismugħa.

22. Illi dwar l-eċċezzjonijiet in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa minnu li mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-8 ta' Ġunju 2021 meta reġgħu nqraw bil-ġurament l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-persuni akkużati ma jirriżultax li l-Qorti Istruttorja ġiet eżentata milli terġa' tisma mill-ġdid il-provi mismugħa. Minkejja dan, għal kull buon fini din il-Qorti tagħmel riferenza għal Nota konġunta tal-akkużati Paul Jason Degiorgio, Christopher Degiorgio u Joseph Degiorgio (Vol. VI: *a fol.* 1448) fejn fiha ddikjaraw li kienu qed jeżentaw lill-Prosekuzzjoni milli terġa' tressaq ix-xhieda li kienu diġa' ġew kompilati fl-atti. Huma ddikjaraw ukoll li dina l-eżenzjoni kellha sservi b'mod totali għal kull stadju tal-proċeduri u ddikjaraw ukoll illi kienu qed jirrinunzjaw għal kwalsiasi eċċezzjoni li setgħet potenzjalment tingħata minnhom.

23. Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li l-eċċezzjonijiet in eżami huma kemmxejn odjużi u dana peress li x-xiehda li tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ser jerġgħu jitressqu quddiem din il-Qorti meta jiġi ċċelebrat il-ġuri. Apparti minn dan, minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta li l-akkużati in kwistjoni qajmu xi ilment quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex terġa' tisma mill-ġdid il-provi li kienu tressqu. Fuq binarji simili, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs. Yarik Farrugia** (Numru 452/2021) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Fl-ebda ħin ma l-avukat difensur tul dan iż-żmien kollu ma talab li x-xhieda li nstemgħu quddiem l-ewwel Qorti presjeduta mill-allura Maġistrat Dr. Aaron Bugeja jerġgħu jixhdu. Minn eżami tal-verbali jidher illi verament l-appellant ma ġiex mitlub sabiex jissana l-Atti tal-kawża wara l-bidla tal-Maġistrat, pero' lanqas ma oġġezzjona li l-kawża titkompla quddiem il-Maġistrat il-ġdid u ħallew kollox għaddej biex imbagħad għamlu l-aggravju bħal dan fl-appell. Il-Qorti ma jidhriliex illi dana għandha tippermettih.
>
> Din il-Qorti għalhekk tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. Keith Arnaud) vs. Omissis Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady</u>** fejn kien hemm sitwazzjoni simili għal din preżenti fejn dik il-Qorti kienet ċaħdet l-aggravju tan-nullita' u stqarret li minkejja li l-imputat ma ġiex mitlub jissana l-Atti, huwa xorta waħda ssottometta ruħu għall-ġudizzju tal-Maġistrat il-ġdid mingħajr reklam u dan għalhekk fisser li kien qed jagħti l-fiduċja tiegħu f'dan il-Maġistrat ġdid li kien qiegħed impliċitament jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-proċeduri jibqgħu għaddejjin, f'dak il-każ hekk sar."

24. Illi minħabba dak li ngħad hawn fuq, it-tieni eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>It-Tielet Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**

25. Illi fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jilmentaw li l-proċedura ta' kumpilazzjoni hija nulla minħabba li meta l-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera li kienet qed tisma' l-kumpilazzjoni ġiet elevata għal Imħallef u l-atti tal-kumpilazzjoni ġew assenjati lill-Maġistrati differenti ma ġiex inserit id-digriet tal-assenjazzjoni mill-Prim'Imħallef fl-atti proċesswali. Huma jirreferu għal *fol.* 1846 u 1859 (Vol. VII).

26. Illi din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dak li qed jeċċepixxu l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio fl-eċċezzjonijiet in eżami. Hija tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Azzopardi** (Numru 28/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "37. Illi din il-Qorti, mingħajr tlaqliq tgħid illi l-appellant m'għandux raġun fl-aggravju minnu ntentat. Dan għaliex mhux biss kif tajjeb qalet il-Qorti Kriminali l-appellant ma ġibidx l-attenzjoni tal-Qorti Istruttorja għal dak li dehrlu kien nuqqas fil-proċess penali istitwit kontrih, ħalla kollox għaddej u ma sab ebda oġġezzjoni illi l-każ ikun ippresjedut mill-ġudikant lil lilha kien ġie assenjat, **<u>iżda u fuq kollox</u>** għaliex il-liġi stess ma tinneċċessitax illi l-Ordni tal-assenjazzjoni tad-doveri jkun eżebit fl-atti proċesswali sabiex jagħmel stat bejn il-partijiet. Fil-fatt dan lanqas għandu jkun eżebit in atti.
>
> 38. Illi l-Qorti issejjes din l-affermazzjoni minnha magħmula fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 11(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għall-Maġistrati permezz tal-Artikolu 15, fejn hemm dispost testwalment:

> **"Kull assenjazzjoni, tibdil jew surroga magħmulin mill-President ta' Malta, u kull tqassim ta' dmirijiet in ġenerali, u kull assenjazzjoni ta' każijiet bħala riżultat ta' rikuża jew astensjoni magħmula mill-Prim Imħallef jew, kif ikun il-każ, mill-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-subartikolu (11), <u>għandhom jitqiesu li jkunu ġew notifikati kif imiss u biżżejjed għall-finijiet kollha</u> jekk jitwaħħal avviż dwarhom f'dak ir-reġistru li l-Ministru jista' jippreskrivi għal dan il-għan taħt l-artikolu 27 qabel jew malli jibda l-perijodu li fih dik l-assenjazzjoni, dak it-tibdil, dik is-surroga jew dak it-tqassim għandhom iseħħu."**

39. Fuq l-istess binarju jitkellem l-Avviż Legali 38 tal-1990, Regolamenti dwar l-Assenjazzjoni ta' Dmirijiet lill-Maġistrati, (L.S. 12.08) fejn fir-Regolament 2(2) hemm dispost testwalment illi:

> **"Kull assenjazzjoni ta' dmirijiet, tibdil u taqsim ta' dmirijiet in ġenerali, dwar il-maġistrati, għandhom jitqiesu li jkunu ġew notifikati kif imiss u biżżejjed għall-finijiet kollha jekk jitwaħħal avviż dwarhom fir-reġistru tal-qrati tal-maġistrati qabel jew malli jibda l-perijodu li fih dik l-assenjazzjoni, dak it-tibdil jew dak it-taqsim għandu jseħħ."**

40. [...] Dan ifisser illi ebda nullita' ma tista' tkun ravviżżata fil-proċeduri kumpilatorji u dan għar-raġuni miġjuba mill-appellant, illi l-Ordni tal-assenjazzjoni ma hijiex inserita in atti, għaliex dan mhuwiex meħtieġ bil-liġi. Hekk kif isir it-twaħħil mir-Reġistratur tal-Qorti tal-assenjazzjoni tad-doveri kif ordnat mill-Prim'Imħallef, dan għandu iservi ta' notifika *erga omnes*."

27. Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċitat hawn fuq bil-konsegwenza li t-tielet eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**
**<u>It-Tielet Eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio</u>**
**<u>It-Tielet Eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja sa fejn tirrigwarda id-*disclosure* tal-informazzjoni dwar ir-reat in kwistjoni</u>**

28. Illi fir-raba' eċċezzjoni tagħhom l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jeċċepixxu li l-kumpilazzjoni kif ukoll l-investigazzjoni huma nulli stante li ma kienux ingħataw id-dritt għad-*disclosure* minħabba li ma kienx inkluż dak iż-żmien taħt il-liġi Maltija. L-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jkomplu li f'dan il-każ dan in-nuqqas ġie rimedjat permezz tal-emendi tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Artikolu 534AB. Jirreferu għal Artikoli 356(2) u 534AF tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jisħqu li l-konoxxenza tal-provi li l-Prosekuzzjoni tressaq kontra l-akkużati huma sanċiti fil-prinċipji tal-*equality of arms* li huwa element fundamentali għal smigħ xieraq. L-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jitolbu sussidjarjament li jekk din it-talba ta' nullita' ma tintlaqax għandhom jiġu sfilzati dawk il-provi kollha nklużi fl-Inkjesta li ma ngħatawx lilhom bħala *disclosure*.

29. Illi fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-akkużat Joseph Degiorgio jitlob l-ifilz tal-istqarrijiet rilaxxati minnu qabel l-introduzzjoni ta' Att Numru LI tas-sena 2016 u Artikolu 534AB(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li huma prova inammissibbli minħabba li ma kellux id-dritt għall-informazzjoni dettaljata għar-reat illi allegatament ġie mwettaq.

30. Illi fit-tielet eċċezzjoni tagħha l-akkużata Josianne Bugeja teċċepixxi l-inammissibilita' tal-istqarrija meħuda waqt l-interogazzjoni tagħha u kwalsiasi riferenza għall-istess minħabba li tisħaq li din ittieħdet mingħajr ma hija ngħatat id-dritt tal-assistenza legali u mingħajr ma ngħatat id-dritt ta' *disclosure*.

31. Illi din il-Qorti tinnota li permezz ta' Att Numru IV tal-2014 ġie introdott fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Artikolu 534AB(1)(c) li ntroduċa proprju d-dritt imsemmi mill-akkużati. L-emendi li saru sussegwentement permezz ta' Att Numru LI tal-2016 introduċew elementi oħra iżda bl-ebda mod ma biddlu dan il-paragrafu. Għalhekk mhux korretti l-akkużati meta jgħidu li d-dritt imsemmi minnhom ma kienx inkluż fil-liġi Maltija.

32. Illi jkun opportun li f'dan l-istadju ssir riferenza għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carina Louise Azzopardi** (Numru 34/2023)[18] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk meta ċaħdet eċċezzjoni simili:

> "Illi din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali trasponiet fil-liġi Maltija d-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' nhar it-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, u dana permezz tal-Att IV tas-sena 2014. Din tirreferi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li għandha f'idejha l-Prosekuzzjoni. Issa għalkemm huwa l-jedd fondamentali tal-akkużat li jsir proċess ġust u li jkollu smigħ xieraq bid-dritt li huwa jiddefendi ruħu għall-akkużi serji lilu addebitati, b'dan għalhekk illi jingħata l-jedd iħejji d-difiża tiegħu fi żmien xieraq, madanakollu jerġa' jiġi ribadit, illi jekk kien hemm tali nuqqas ta' aċċess għal xi evidenza materjali minn naħa tal-Prosekuzzjoni jew tal-Pulizija, <u>dan</u>

[18] Għal kull buon fini jingħad li minn din is-sentenza ġie ppreżentat appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) li tat is-sentenza tagħha fl-4 ta' Diċembru 2024 liema sentenza tal-appell ma kinitx tirrigwarda l-eċċezzjoni li ġiet miċħuda minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tad-9 ta' April 2024.

<u>ċertament ma jwassalx għal xi nullita' fl-Att ta' Akkuża</u>. Illi l-liġi ssemmi dawk l-istanzi li jġibu fix-xejn l-Att t'Akkuża u jirrenduha nulla, kif ingħad. L-allegat nuqqas lamentat mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni mhijiex waħda minn dawk ikkontemplati fil-liġi. **Il-Qorti, minn naħa l-oħra, ma tistax tagħti l-jedd lill-akkużat li jembarka ruħu fuq xi tip ta' *fishing expedition* sabiex jara jekk hemmx xi prova li setgħat ma ġietx lilu magħrufa minn naħa tal-Prosekuzzjoni.**

Mill-atti proċesswali ma jirriżulta mkien illi l-akkużata qajjmet ilment matul il-mori tal-kumpilazzjoni fir-rigward ta' nuqqas ta' aċċess għall-informazzjoni fil-pussess tal-Pulizija. L-akkużata kienet u għadha tinsab f'qagħda li tħejji d-difiża tagħha u dan stante li kellha u ser ikollha kull opportunita' sabiex tikkontrolla kwalunkwe prova. L-Akkużata naqset milli fl-eċċezzjoni tagħha tispeċifika eżatt kif ma ngħatatx id-dritt tad-*disclosure*. Kif inhu magħruf, vjolazzjoni tas-smigħ xieraq ma tistax tinstab fl-astratt iżda trid tinstab fil-konkret.

Illi, f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Christian Grech vs. L-Avukat tal-Istat</u>**[19] fejn il-Qorti qalet illi:

> *"ir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu jagħmel biss osservazzjonijiet ġeneriċi u ma jispjegax kif fil-fatt ġarrab preġudizzju. Ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova kif ġie mċaħħad minn xi tagħrif li kellha l-pulizija. Għalhekk mhux biss ma jistax jingħad li kien hemm xi irregolarita' proċedurali daqshekk gravi li bih ġie mċaħħad mis-smigħ xieraq, iżda lanqas jista' jgħid li kien hemm xi irregolarità."*

[19] "Deċiża nhar it-28 ta' Ottubru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)."

Illi, finalment, issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Michael Borg et</u>**[20] fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Jissottometti li kwalunkwe stqarrija rilaxxata mill-appellant ġiet rilaxxata mingħajr ma kellu aċċess għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija u ċioè mingħajr ma kellu 'disclosure' tal-evidenza ġia miġbura. Minkejja li huwa minnu li dan id-dritt ġie introdott wara li ġiet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, l-appellant naqas milli jispjega x'informazzjoni ma kellux qabel ma ġie interrogat. In oltre, mill-atti minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien talab sabiex tingħatalu informazzjoni u għalhekk din is-sottomissjonijiet hija ampjament infondata u qiegħda għalhekk tiġi skartata.""*

33. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li bl-ebda mod ma tista' tasal sabiex tiddikjara li l-kumpilazzjoni u l-investigazzjoni huma nulli kif jitolbu l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio fl-eċċezzjonijiet tagħhom in eżami. Apparti minn dan, fl-eċċezzjoni in kwistjoni l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio mkien ma identifikaw liema dokumenti huma qed jitolbu l-isfilz tagħhom u żgur mhux ir-rwol ta' din il-Qorti li tispekula x'informazzjoni ma ġietx mogħdija lill-akkużati msemmija. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li l-provi li tressqu quddiem il-Qorti Istruttorja ser jerġgħu jinstemgħu quddiem din il-Qorti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri b'dana illi l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jkunu jafu bil-kontenut ta' dawk il-provi. Stabbilit dan din il-Qorti hija tal-fehma li kien l-oneru tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio li jidentifikaw liema provi riedu li jiġu sfilzati.

---

[20] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminal (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Jannar 2019."

34. Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, filwaqt li fit-tielet eċċezzjoni tagħha l-akkużata Josianne Bugeja teċepixxi l-inammissibilita tal-istqarrija tagħha, fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-akkużat Joseph Degiorgio jitlob l-ifilz tal-istqarrijiet tiegħu. Dwar dan din il-Qorti tinnota li hija bl-ebda mod ma tista' tasal sabiex tilqa' dak appena msemmi mill-akkużati Josianne Bugeja u Joseph Degiorgio fl-eċċezzjonijiet in eżami u dana wara li jittieħed in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija, inkluż dak li ġie ċitat.

35. Illi dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio, tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio u tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja sa fejn tirrigwarda id-*disclosure* tal-informazzjoni dwar ir-reat in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>Il-Ħames Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>Il-Ħames Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**

36. Illi fil-ħames eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jeċċepixxu li l-Att tal-Akkuża huwa null minħabba li l-piena mitluba mill-Avukat Ġenerali ma tirriflettix il-piena ta' meta saru r-reati u ċioè qabel ma daħlu l-emendi permezz ta' Att Numru XIII tal-2018.

37. Illi din il-Qorti tinnota li Att Numru XIII tal-2018 emenda l-Artikolu 248A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens illi minflok il-kliem *"minn erbgħa sa tnax-il sena"* kellhom jidħlu l-kliem *"minn sitta sa tnax-il-sena."*

38. Illi fl-Att tal-Akkuża l-Avukat Ġenerali jitlob li l-akkużati jiġu kkundannati għal piena minima ta' mhux inqas minn sitt snin. Ta' min jinnota li skont l-Att tal-Akkuża r-reat li qed jiġu akkużati bih l-akkużati seħħ nhar it-13 ta' April 2016 u fil-ġimgħat, xhur u snin ta' qabel. Għalhekk jikkonsegwi li l-piena minima li qed

jitlob l-Avukat Ġenerali hija piena aktar oneruża minn dik li kienet fis-seħħ meta twettaq ir-reat.

39. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio fil-ħames eċċezzjoni tagħhom li dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti jwassal għan-nullita tal-Att tal-Akkuża. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 597(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Il-qorti tista', sew *ex officio*, kemm ukoll fuq eċċezzjoni tal-akkużat, tordna l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża, basta li dan isir qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija jekk hux ħati jew le: iżda ebda ħaġa m'għandha tiżdied fl-att tal-akkuża li tkun tista' tagħmel iżjed gravi r-reat."

40. Illi peress li wara li ħareġ l-Att tal-Akkuża l-akkużati għadhom ma wieġbux għall-mistoqsija jekk humiex ħatja jew le, għalhekk din il-Qorti ser tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio fejn jisħqu li l-Att tal-Akkuża huwa null b'dan illi din il-Qorti ser tilqa' l-eċċezzjoni parzjalment fis-sens illi ser tordna korrezzjoni fl-Att tal-Akkuża fejn fih l-Avukat Ġenerali jitlob li l-akkużati jiġu kkundannati *"għall-piena ta' mhux anqas minn sitt (6) snin"* biex din tinbidel *"għall-piena ta' mhux anqas minn erba' (4) snin."*

**Ikkunsidrat**

**<u>Is-Sitt Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>Is-Sitt Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**
**<u>It-Tieni Eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio</u>**
**<u>It-Tielet Eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja sa fejn tirrigwarda l-assistenza legali waqt l-istqarrija</u>**

41. Illi permezz tas-sitt eċċezzjoni tagħhom Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jitolbu l-isfilż tal-istqarrijiet mogħtija minnhom rispettivament (kif ukoll kwalsiasi riferenza oħra għalihom fl-atti proċesswali) minħabba li ma kienux assistiti minn

avukat fil-mument meta taw tali stqarrijiet. Minħabba tali raġuni, da parte tiegħu l-akkużat Joseph Degiorgio jitlob l-istess fit-tieni eċċezzjoni tiegħu u da parte tagħha l-akkużata Josianne Bugeja fit-tielet eċċezzjoni tagħha teċċepixxi l-inammissibilita' tal-istqarrija tagħha minħabba l-istess raġuni (u dana apparti li eċċepiet li ma ngħatatx id-dritt ta' *disclosure*, liema parti tal-eċċezzjoni diġa' ġiet miċħuda aktar 'il fuq f'din is-sentenza).

42. Illi għal kull buon fini jingħad li fiż-żmien li l-akkużati ġew mitluba jirrilaxxaw l-istqarrijiet rispettivi tagħhom ma kienx għadu daħal fis-seħħ id-dritt li waqt it-teħid ta' tali stqarrija huma jkollhom preżenti <u>magħhom</u> avukat tal-għażla tagħhom. Apparti minn dan, din il-Qorti hija konxja tal-ġurisprudenza li ngħatat f'dan ir-rigward tul is-snin.

43. Illi din il-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah** (Numru 10/2018) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) dwar eċċezzjoni simili għal dik odjerna mqajjma mill-akkużati spjegat hekk:

> "11. Now although it is amply clear from the evidence found in the acts that accused was administered his rights at law as applicable at the time, and although it is also uncontested that he availed himself of such right before being questioned by the police, however there is no evidence in writing of this request as outlined in article 355AT. This being premised, however, as the Attorney General rightly points out respondent's plea is directed towards the lack of legal assistance during interrogation and not prior to being questioned, the manner and duration of the exercise of this right not being put into question by accused himself.
>
> 12. Now, accused in this case, as in the other cases cited by the Criminal Court in its judgment, does not attack the probative value of the statements on any particular rule of penal law empowering the Court to reject it, but

relies solely on the presumption that admitting this piece of evidence would prejudice his right to a fair hearing, having been denied the right to have his lawyer present during interrogation, resulting therefore, in his opinion, to a denial of his right to mount a defence in a situation where incriminating statements were made to the police.

13. Reference is being made to two recent judgments which, in this Court's opinion, shed a clear light on the correct interpretation of how a statement released by a suspect without legal assistance at interrogation stage should be considered, when assessing the weight to be given to this piece of evidence.

14. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13) decided on the 7th. October 2019 and "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) decided on the 14th. January 2020, set out the principle that 'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an *ab initio* violation of the right to a fair hearing'. These judgments confirmed the position taken by the Grand Chamber in the *Beuze* (9th. November 2018) case that in order to establish whether a statement taken without the assistance of a lawyer is deemed to violate the accused's constitutional right to a fair hearing, one must apply a two-stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction, together with an examination of the overall fairness of the proceedings, the Court thus establishing a test to be carried out on a case-by-case basis, rather than laying out general rules and principles which are to govern this alleged violation where the right to legal assistance has been withheld. Each case, thus, has to be examined on its own merits by applying the *Beuze* guidelines to the specific facts presented in every individual case being assessed.

15. Regarding the first test relating to the concept of 'compelling reasons' the European Court in the above-mentioned cases stated that:

*"**The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention**"*.

16. Referring to the domestic case in issue, it is clear that this test has not been satisfied, since no compelling reason was put forward to justify the lack of the presence of a lawyer during interrogation, other than the fact that it was not permissible by law at the time when it was released by accused.

17. However this test alone does not automatically render such a statement inadmissible at law since the second test laid out by the ECtHR has to be overcome when deciding whether a statement should or should not be expunged from the records of the proceedings. The 'overall fairness' assessment of the proceedings must be examined in order to assess the weight which is to be given to the statement released at interrogation stage, as a piece of evidence when reaching judgement. The ECtHR provided the following non exhaustive list of factors to be taken into account.

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

(b) *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

(c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

(d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

(e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

(f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

(g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

(h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

18. Since in the present case the proceedings are still at pretrial stage it would be outside the remit of this Court, at this juncture, to examine whether these criteria have been satisfied since the trial has not taken place, and also because the Court cannot, at this stage enter into the merits of the case and comment on the weight to be given to any evidence found in the acts, such exercise entrusted solely to the jury at the trial, with this Court also precluded from addressing any matter having constitutional ramifications. Having thus premised, however, if at this stage of the proceedings it results to the Court that any one or more of the criteria laid out by the ECtHR constitute a serious and blatant prejudice to the administration of justice then this would justify the expunging of the statement released by the accused from the acts prior to the celebration of the trial by jury, and this in the supreme interest of justice.

19. In this particular case, however, during committal proceedings, accused did not allege that the police had exerted pressure on him during interrogation, or that his statement was obtained by means of promises or suggestions of favour. He did not allege that he was in a vulnerable state prior to releasing his statement, nor did he allege that he was not explained his rights at law, foremost amongst which his right to silence. Moreover, it does not appear that accused is alleging that his statement was released in violation of article 658 of the Criminal Code. Neither did accused, during committal proceedings, request to bring forward any evidence

suggesting otherwise and this as was his right in terms of article 405(5) of the Criminal Code.

[…]

22. The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."

44. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew Zarb et** (Numru 17/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

"19. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi ***'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing'***. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u ukoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ *"overall fairness"* tal-proċeduri fl-intier tagħhom. Illi allura l-QEDB dejjem saħħqet illi l-evalwazzjoni dwar jekk seħħitx din il-vjolazzjoni ssir in bażi għaċ-

ċirkostanzi fattwali u legali partikolari għall-kull każ u li għalhekk mhux possibbli li jittieħed approċċ uniku u uniformi b'mod ġenerali applikabbli għal każijiet kollha billi kull każ irid ikun eżaminat għalih, kif ingħad.

[....]

23. Issa ġaladarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u l-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżamina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari, kif lanqas tista' din il-Qorti tidħol biex teżamina vjolazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa biss fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalha, f'dan l-istadju, li huwa evidenti li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

[....]

30. Għalhekk magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati odjerni jekk jirriżulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-

deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellati dejjem jibqgħalhom id-dritt li jitolbu reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom."

45. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol v. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.

[...]

15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.

16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġu diskussi f'dan l-istadju *in vacuo.* Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti

Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilita' li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu.

18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur."

46. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenzi kkwotati hawn fuq, din il-Qorti tinnota li minn analiżi li għamlet tal-atti proċesswali, b'mod partikolari tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati ma jirriżultax li dawn l-istqarrijiet ttieħdu permezz ta' xi forma ta' pressjoni eżerċitata mill-Pulizija. Din il-Qorti tinnota li l-akkużati ma lmentawx li kienu vulnerabbli. Wieħed lanqas jista' jgħid li l-Pulizija naqsu milli jispjegaw id-drittijiet li kellhom l-akkużati. Lanqas ma jirriżulta li tali stqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment lanqas jirriżulta li l-akkużati talbu li jressqu xi evidenza sabiex jippruvaw

li l-istqarrijiet tagħhom li qed jitolbu li jiġu sfilzati ttieħdu bi ksur tal-istess Artikolu 658.

47. Illi b'hekk isegwi li s-sitt eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio, it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja sa fejn tirrigwarda l-assistenza legali waqt l-istqarrija qed jiġu lkoll miċħuda.

48. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti nkluż dak li ġie deċiż f'paragrafu 35 ta' din is-sentenza jsegwi li t-tielet eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja ġiet miċħuda *in toto*.

**Ikkunsidrat**

**<u>Is-Seba' Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>Is-Seba' Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**

49. Illi fis-seba' eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jitolbu l-isfilz tax-xhieda u r-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia minħabba li fir-rapport ma hemmx spjega ta' xi proċedura ġiet adoperata u jekk ġiex użat xi metodu xjentifiku rikonoxxut. Jilmentaw li jekk il-metodu adoperat kien biss wieħed viżiv dan ma jistax jitqies bħala korrett stante li huwa suġġett għal żball.

50. Illi dwar l-eċċezzjonijiet in eżami din il-Qorti tinnota li l-eċċezzjoni mqajjma hija kwistjoni marbuta mal-valur probatorju tar-relazzjoni teknika u mhux mal-ammissibilita' tagħha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Azzopardi** (Numru 28/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "46. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju imressaq mill-appellant, l-Qorti terġa ttenni illi hemm distinzjoni bejn l-ammissibbilita' tal-evidenza u l-valur

probatorju tagħha. Illi għalhekk huwa biss fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi jista' jkun stabbilit il-metodu kif l-marki tas-swaba kienu elevati, ippreservati u eżaminati u dan meta jixhdu l-esperti nominati, kemm fl-inkjesta kif ukoll fl-Istruttorja, sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Ma tistax l-Qorti tiskarta evidenza *a priori* li hija rilevanti u ammissibbli. Issa jekk kienx hemm xi ksur fil-katina tal-evidenza, jekk dik l-evidenza setatx kienet ikkontaminata, jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti humiex fjakki u dubbjużi, hija kwistjoni ta' fatt li għandha tkun stabbilita unikament fil-kors tal-ġuri meta tibda' tinstema x-xiehda f'dan il-każ. Illi allura jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti ma hijiex b'saħħitha biżżejjed għaliex mittiefsa minn xi difett fil-ġbir, preservazzjoni jew eżami tagħha, allura titlef mill-valur probatorju u jkun perikoluż illi min hu imsejjaħ biex jiġġudika l-fatti jistrieħ fuqha sabiex isejjes id-deċiżjoni tiegħu.

[…]

49. Illi din il-Qorti kellha okkażjoni diversi drabi tesprimi l-fehma tagħha dwar din l-oġġezzjoni li qed tkun spiss ventilata minn persuni li qed jiffaċċjaw proċeduri kriminali, u għal darb'oħra tisħaq illi għalkemm huwa minnu illi ċertifikazzjoni dwar akkreditazzjoni huwa l-kejl li bih jista' jkun stabbilit illi laboratorju huwa kompetenti, madanakollu n-nuqqas ta' akkreditazzjoni ma jxejjinx awtomatikament l-evidenza miksuba. Jerġa' jingħad illi tali apprezzament dwar is-saħħa probatorja ta' din l-evidenza għandha ssir unikament waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri għaliex huwa f'dak l-istadju illi din l-evidenza tinġieb 'il quddiem għall-konsiderazzjoni tal-ġurati u huwa biss f'dak l-istadju, allura, illi mix-xiehda tal-espert jista' jkun stabbilit jekk din l-evidenza setatx tkun ikkontaminata minħabba xi tagħmir inadegwat jew nuqqasijiet fil-proċess utilizzat biex isiru l-eżamijiet forensiċi. Illi l-liġi tipprovdi salvagwardja f'dan is-sens

fl-artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm dispost illi *"min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu.""*

51. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat fir-rigward tas-seba' eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio bil-konsegwenza li tali eċċezzjoni qed tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tmien Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>It-Tmien Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**

52. Illi fit-tmien eċċezzjoni tagħhom l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jitolbu l-isfilz tax-xhieda u tar-tar-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada (Vol. VIII: *a fol.* 1944 *et seq.*) stante li fejn hemm il-korrezzjoni minn "Bugeja" għal "Bajada" din ma saritx skont ma jitlob Artikolu 398(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-istess mod jitolbu wkoll l-isfilz tar-rinviju tat-12 ta' Lulju 2016 (Vol. III: *a fol.* 698) stante li jsostnu li dan wkoll ma sarx skont il-liġi. Jargumentaw li ġialadarba tali rinviju jiġi sfilzat, dan jagħti lok għal difett proċedurali serju li jwassal għan-nullita' tal-proċedura tal-kumpilazzjoni.

53. Illi dwar dik il-parti tal-eċċezzjoni li tirrigwarda lil Dr. Martin Bajada, din il-Qorti tibda billi tinnota mill-verbal tas-seduta miżmuma fis-17 ta' Settembru 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Vol. IX: *a fol.* 2110 *et seq.*) issir riferenza fejn Dr. Martin Bajada mpenja ruħu li jgħaddi lill-partijiet *pen-drive* bl-informazzjoni kontenuta f'Dok. "MBA" formanti parti mir-rapport tiegħu Dok. "MBX" li ġie ppreżentat fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019 ossia r-rapport li qed jintalab l-isfilz tiegħu. Għandu jingħad li ħadd mill-akkużati ma qajjem xi ilment dwar dan il-punt – la dakinhar tas-17 ta' Settembru 2020 u anqas wara.

54. Illi minbarra dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti din il-Qorti tinnota li l-korrezzjoni li ssir riferenza għaliha fl-eċċezzjonijiet in eżami *se mai* tirreferi għat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tal-espert tekniku u mhux għar-rapport tiegħu u għalhekk l-isfilz *se mai* jirrigwarda t-traskrizzjoni tad-depożizzjoni u mhux tar-rapport. Għal kull buon fini għandu jingħad li Dr. Bajada xorta jista' jerġa' jixhed quddiem din il-Qorti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri stante li huwa ndikat bħala xhud tal-Prosekuzzjoni.

55. Illi din il-Qorti tinnota wkoll li kull paġna fejn hemm il-korrezzjoni minn "Bugeja" għal "Bajada" (Vol. VIII: *a fol.* 1944 *et seq.*) hija ffirmata mill-Maġistrat li kienet qed tippresjedi l-kumpilazzjoni b'dana illi l-paġni fejn hemm tali korrezzjoni ġew iffirmati mill-Maġistrat.

56. Illi għal dak li jirrigwarda r-rinviju li jsir riferenza għalih fl-eċċezzjonijiet in eżami, din il-Qorti tinnota li fil-verbal tas-seduta miżmuma fit-12 ta' Lulju 2016 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Vol. III: *a fol.* 612 *et seq.*), il-Qorti msemmija rrinvijat l-atti proċesswali lill-Avukat Ġenerali. Jirriżulta li fl-ordni fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bagħtet l-atti lill-Avukat Ġenerali (Vol. III: *a fol.* 698) hemm indikata d-data tat-18 ta' Lulju 2016 ikkorreġuta għat-12 ta' Lulju 2016.

57. Illi din il-Qorti tinnota li d-dokumenti kollha in kwistjoni huma ffirmati mill-Maġistrat li kienet qed tippresjedi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'dan illi l-eċċezzjonijiet in eżami ma jġibux in-nullita' tal-proċedura tal-kumpilazzjoni kif ntalab fihom mill-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio. Sabiex tevita ripetizzjonijiet bla bżonn, din il-Qorti tagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet tagħha magħmula minnha aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio, Christopher Degiorgio u Joseph Degiorgio u kif ukoll fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja u dana fir-rigward tan-nullita' ta' l-Att tal-Akkuża u tal-kumpilazzjoni u tapplika dawk

il-konsiderazzjonijiet hawn. Għalhekk isegwi li anke t-tmien eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio qed jiġu wkoll miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>Id-Disa' Eċċezzjoni tal-akkużat Paul Jason Degiorgio</u>**
**<u>Id-Disa' Eċċezzjoni tal-akkużat Christopher Degiorgio</u>**
**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio</u>**
**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja</u>**

58. Illi fid-disa' eċċezzjoni tagħhom l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio jitolbu l-isfilz tad-dokumenti eżebiti fil-mori tal-kumpilazzjoni u waqt l-inkjesta fosthom d-dokumenti eżebiti minn dik li huma jirreferu għaliha bħala l-iSpettur Bernardette Vella. Jagħmlu riferenza għad-dokumenti mmarkati bħala Dok. "BV" u dana minħabba li jisħqu li ma ġietx ippruvata l-awtentiċita' tagħhom u ma ġewx immarkati mill-awtur tagħhom. Għal kull buon fini jingħad li huwa ċar li fl-eċċezzjonijiet in eżami, l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio ma riedux jagħmlu riferenza għall-iSpettur Bernardette Vella (peress li din ma tirriżultax fl-atti proċesswali) pero' riedu jagħmlu riferenza għall-iSpettur Bernardette Valletta.

59. Illi fir-raba' eċċezzjoni tagħha, l-akkużata Josianne Bugeja teċċepixxi l-inammissibilita' ta' dawk id-dokumenti kollha li ġew ippreżentati u l-awtentiċita' tagħhom ma ġietx pruvata skont il-liġi nkuż ukoll minħabba l-fatt li l-awtur tal-istess dokument ma ġie qatt mitlub sabiex jikkonfermah.

60. Illi r-raba' eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio hija ġenerika bħal dik tar-raba' eċċezzjoni tal-akkużata Bugeja u magħha l-akkużat Joseph Degiorgio jżid jgħid li minn imkien ma jirriżulta illi d-difiża qatt eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ġġib il-prova tal-veraċita' u l-awtentiċita' ta' dawk id-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni mingħajr id-debita konferma bil-ġurament ta' l-awtur.

61. Illi r-raba′ eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja u r-raba′ eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio huma ġeneriċi fis-sens li ma jagħmlux riferenza għal dokumenti partikolari bħal ma għamlu l-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio fid-disa′ eċċezzjoni tagħhom. Żgur li mhux il-kompitu u r-rwol ta′ din il-Qorti li tfittex hi minn jeddha dak li qed jippruvaw jeċċepixxu l-akkużati meta jagħmlu riferenzi ġeneriċi.

62. Illi huwa previst li l-Prosekuzzjoni tressaq bħala xhieda dawk il-persuni li jidhrilha li huma rilevanti u marbuta ma′ kull dokument li jservi bħala prova dan illi dak mitlub mill-akkużati fl-eċċezzjonijiet in eżami huwa prematur li jiġi mistħarreġ f′dan l-istadju *ossia* qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

63. Illi fir-rigward tal-eċċezzjonijiet in eżami, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad minnha aktar ′il fuq f′din is-sentenza meta kienet qed tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tas-seba′ eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio u tapplika *mutatis mutandis* dak li ngħad minnha hemm hawn u dana minkejja li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li saru quddiem din il-Qorti mill-konsulent legali tal-akkużata Josianne Bugeja ngħad li l-eċċezzjoni in eżami tal-patroċinata tiegħu hija fuq il-kwistjoni jekk id-dokumenti in kwistjoni humiex ammissibbli bħala prova. Din il-Qorti tqies li f′dan l-istadju qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri d-dokumenti li jsiru riferenza għalihom fl-eċċezzjonijiet in eżami huma ammissibbli bil-konsegwenza li d-disa′ eċċezzjoni tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio, ir-raba′ eċċezzjoni tal-akkużat Joseph Degiorgio u r-raba′ eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja qed jiġu lkoll miċħuda.

**Ikkunsidrat**

64. Illi dak li jonqos huwa li din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja**

65. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-akkużata Josianne Bugeja titlob in-nullita' tal-Att tal-Akkuża in kwantu l-pieni tal-Artikolu 121D inkluża fl-Att tal-Akkuża tkun applikabbli jekk kienet qed tiġi addebitata responsabilita' penali fil-forma ta' *corporate criminal liability*.

66. Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-akkużata Josianne Bugeja ġiet akkużata kemm personalment kif ukoll in rappreżentanza tal-kumpannija Melita Health Services Limited.

67. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Diċembru 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carina Louise Azzopardi** (Numru 34/2023) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk dwar eċċezzjoni identika għal dik in eżami:

> "12. Illi dan ifisser illi, kuntrarjament għal dik ir-responsabbilta' vikarja imqiegħda fuq spallejn id-direttur ta' korp maghqud, li titkellem dwarha l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni[21], fejn allura f'każ ta' sejbien ta' ħtija u imposizzjoni ta' piena din tigi inflitta fuqu u għandha tkun skontata minnu <u>personalment</u>, anke f'kaz ta' piena pekunjarja, il-kunċett legali ntrodott permezz ta' din id-disposizzjoni tal-liġi issa titkellem dwar il-***corporate liability***, fejn għalkemm ir-responsabbilta' penali titqiegħed fuq spallejn persuna fiżika, madanakollu l-piena pekunjarja hija imputabbli lill-korp magħqud, liema penali hija meqjusa bħala dejn ċivili u titolu eżekuttiv fil-konfront ta' dak il-korp

[21] "Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat."

> maghqud. Jikkonsegwi għalhekk illi huwa biss il-korp magħqud illi jista' jkun ikkundannat għal piena indikata fid-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu dwar ir-responsabbilta' penali tal-korp magħqud.
>
> 13. Illi l-Avukat Ġenerali fl-Att ta' l-Akkuża minnu redatt jindika fl-okkju biss lil Carina Louise Azzopardi, għalkemm, imbagħad, fil-parti akkużatorja jindika li din qed tkun mixlija f'isimha personali u fil-kapaċita' tagħha ta' segretarja u rappreżentanti legali u uffiċjali tal-kumpaniji JF Security Services, JF Group, JF Services Cleaning Ltd, JF Staffing Ltd, JF Security and Consultancy Services Limited, JF Logistics Ltd, JF Services Ltd, JF Investments Ltd. Meta jasal biex jindika liema hija l-piena li tista' tkun erogata fil-konfront ta' l-appellanti, iżda, jitlob li din tkun ikkundannata personalment fit-termini ta' l-Artikolu 121D u 248E tal-Kodiċi Kriminali, fejn ma jindikax id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249. Issa huwa evidenti minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi illi l-appellanti *qua* akkużata ma tista' qatt tkun ikkundannata tali piena billi l-liġi hija ċara li huwa biss il-korp magħqud illi jista' jeħel din il-piena."

68. Illi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq appena ċitata b'dan illi din il-Qorti ser ssegwi dak li ġie ordnat li jsir mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza ċitata fejn ċaħdet it-talba tan-nullita' tal-Att tal-Akkuża pero' ordnat korrezzjoni fil-parti akkużatorja tiegħu u dana kif ser jiġi ndikat fid-*decide* ta' din is-sentenza. B'hekk isegwi li l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużata Josianne Bugeja qed tiġi milqugħa *in parte*.

**Decide**

69. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat Joseph Degiorgio;

- tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużati Paul Jason Degiorgio u Christopher Degiorgio b'dan illi tilqa' *in parte* l-ħames eċċezzjoni tagħhom u tordna korrezzjoni fl-Att tal-Akkuża fejn fih l-Avukat Ġenerali jitlob li l-akkużati jiġu kkundannati *"għall-piena ta' mhux anqas minn sitt (6) snin"* biex din tinbidel *"għall-piena ta' mhux anqas minn erba' (4) snin"*;

- tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużata Josianne Bugeja b'dan illi tilqa' *in parte* l-ewwel eċċezzjoni tagħha u tordna korrezzjoni fl-Att tal-Akkuża fis-sens li Artikoli 121D u 248E(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jitħassru u tordna wkoll illi l-kliem *"kif ukoll multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf ewro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun ewro (€2,000,000)"* għandhom ikunu mħassra wkoll.

70. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**